MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta ta' 22 ta' Ottubru, 2002

Numru. 614/2002

**Artikoli 261, 263, 267, 271, 278, 279, 280, 334, 325 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**

v

**EMAN ZAMMIT**

**Seduta tal-llum, 22 ta' Ottubru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMAN ZAMMIT** bin Carmelo u Michelina nee Borg imwieled Pieta' fid-29 ta' Ottubru, 1979 u li joqghod fil-fond bl-isem "Joe", Triq l-Immakulta

Kuncizzjoni, Zabbar detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 506579 (M) akkuzat talli:

1. Fit-tlettax ta’ Gunju, 2002 ghall-habta tal-kwarta ta’ wara nofsinhar mill-MCP Car Park fil-Furjana ikkommetta serq ta’ stereo tal-marka “Kenwood” minn vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni SHR 878 ghad-dannu ta’ Sharon Desira minn Rahal Gdid, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. Fit-tlieta ta’ Lulju, 2002 ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta’ filghaxija mill-MCP Car Park fil-Furjana kkommetta serq ta’ stereo tal-marka “Alpine” u accessorji ohra minn vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni HAN 946 ghad-dannu ta’ Simone Morana minn San Gwann, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

3. Fit-tnejn u ghoxrin ta’ Lulju, 2002 ghall-habta tal-erbgha ta’ wara nofsinhar mill-MCP Car Park fil-Furjana kkommetta serq ta’ basket kontenenti hwejjeg u oggetti ohra minn vettura tal-ghamla Kia Avella bin-numru ta’ registrazzjoni BAK 908 ghad-dannu ta’ Lilly Corsi mill-Italia, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

4. Fl-erbgha u ghoxrin ta’ Lulju, 2002 ghall-habta tas-saghtejn u ghoxrin ta’ wara nofsinhar mill-MCP Car Park fil-Furjana kkommetta serq ta’ stereo tal-marka “Pioneer” u oggetti ohra minn vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numru ta’ registrazzjoni AAL 261 ghad-dannu ta’ Claire Caprio minn Haz-Zebbug, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

5. Fil-hamsa u ghoxrin ta’ Lulju, 2002 ghall-habta ta’ nofsinhar neqsin ghaxra mill-MCP Car Park fil-Furjana kkommetta serq ta’ stereo tal-marka mhux maghrufa minn vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni AAF 481 ghad-dannu ta’ Kasseb Raid mill-Marsa, liema

serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

6. Fis-sitta u ghoxrin ta' Lulju, 2002 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar mill-MCP Car Park fil-Furjana kkommetta serq ta' stereo tal-marka mhux maghrufa minn vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni CAB 635 ghad-dannu ta' Nathalie Cachia minn H'Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

7. Fis-sebgha u ghoxrin ta' Lulju, 2002 ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' filghodu mill-MCP Car Park fil-Furjana kkommetta serq ta' stereo tal-marka "Audio Control" u oggetti ohra minn vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni SFF 399 ghad-dannu ta' Shirley Scalpello mill-Mosta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

8. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cieo` ghamel hsara fuq l-istess vettura ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom, liema hsara f'kull kaz tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (LM 10) izda mhux izjed minn hamsin lira Maltin (LM 50).

9. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet ta' wara dawn id-dati, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghom jew imexxihom.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 261, 263, 267, 271, 278, 279, 280, 334, 325 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti semghet l-ammissjoni tal-imputat meta sar l-interrogatorju skond l-artikolu 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana nhar id-29 ta' Lulju, 2002. Il-Qorti wisset

lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fis-seduta tad-29 ta’ Lulju, 2002 kif del resto jirrizulta minn ezami tal-istess verbal u sussegwentement ghal darb’ohra fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru, 2002. Dan sar sabiex jigi segwit skrupolozament il-procedura korretta kif prevista f’kaz ta’ ammissjoni fl-artikolu 392 A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ghalhekk qabel ma ghaddiet biex taghti sentenza, kif kellha kull obbligu taghmel, semghet il-Prosekuzzjoni tghid b’mod verbali illi l-imputat ikkopera maghha pero’ ghandu problema kbira ta’ tehid ta’ droga u l-istess imputat jghid li ma jridx ikun patrocinat minn avukat.

Rat id-dokumenti esebiti b’mod partikolari il-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta illi ghalkemm l-imputat ghandu biss tnejn u ghoxrin sena diga` ghandu sitt convictions registrati fil-fedina penali tieghu fejn diga` nstab hati ta’ diversi kontravenzjonijiet dwar ksur tal-kodici kriminali u tal-ordinanza tat-traffiku u talli kellu fil-pussess tieghu droga eroina.

Illi jidher illi l-imputat ma tghallimx mill-esperjenzi li kellu l-Qorti tant li reggha kiser difru mall-ligi.

Illi minn ezami tal-istqarrija rilaxxata minnu b’mod volontarju nhar it-28 ta’ Lulju, 2002 liema stqarrija tinsab inserita fl-atti bhala dokument CSH 2, l-imputat ammetta il-partecipazzjoni tieghu ghar-reati addebitati lilu f’dawn il-proceduri b’mod partikolari f’liema vetturi ikkommetta serq u l-mezz adoperat minnu sabiex ghamel dan is-servizz u dan f’medda ta’ perjodu ta’ xahrejn.

Rat illi uhud mill-oggetti misruqa gew ritornati lil Pulizija Esekuttiva u fil-fatt fl-atti mmarkat bhala dokument CSH 3 hemm ricevuta rilaxxata mill-Pulizija Esekuttiva datata 27 ta’ Lulju, 2002 dwar resfurtiva li tinsab f’idejhom.

Illi l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi l-imputat ghandu jintbghat il-habs sabiex possibilment jitghallem mill-izbalji tieghu u ma jirrepetiex l-agir kriminali tieghu, pero' fl-istess hin taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex tghin lill-imputat odjern fil-probelma akuta li hu ghandu fit-tehid tad-droga.

Il-Qorti pero' ma thossx li ghandha taghti l-piena massima permessa mill-Ligi minhabba l-kollaborazzjoni tal-imputat mill-bidu nett tal-investigazzjoni u l-fatt illi l-parti sostanzjali tar-resfurtiva giet ritornata.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 261, 263, 267, 271, 278, 279, 280, 334, 325 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi fic-cirkostanzi l-Qorti thoss illi fuq ammissjoni tal-imputat stess il-Qorti ssibu hati tal-akkuzi kollha moghtija fil-konfront tieghu salv ghall-akkuza ta' ricettazzjoni li nghatat mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghall-akkuzi ta' serq u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha u tiddeciedi li tikkundannah ghall-perjodu ta' prigunerija ta' tmintax il-xahar.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-atti processwali jintbaghtu lill-Avukat Generali in linea ma dak li jiddisponi l-artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**